MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ROBERT G MANGION

Seduta tat-18 ta' Settembru, 2014

Rikors Numru. 339/2013

**A B**

**vs**

**C D**

**Il-Qorti,**

**Preambolu.**

Rat ir-rikors tal-attur li permezz tieghu ippremetta u talab is-segwenti:-

"Illi l-partijiet izzewgu fil-10 ta' Dicembru 1989 u minn dan iz-zwieg kellhom tifel jismu F B li twieled fit-18 t'Awwissu 1997.

Illi l-partijiet ilhom legalment separati permezz ta' kuntratt in atti Nutar Liza B tad-9 ta' Dicembru 2009 u *de facto* minn snin qabel u ghalhekk ilhom aktar minn erba' (4) snin mifrudin.

Illi ma hemm ebda prospett ragjonevoli ghar-rikonciljazzjoni ta' bejniethom stante illi minnbarra li ilhom hafna aktar zmien qabel is-sena 2009 mifrudin *de facto* u aktar minn erba' snin mifrudin legalment illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin u sahansitra iffurmaw rabtiet ma' persuni ohrajn.

Illi l-manteniment dovut huwa garantit u regolat mill-istess kuntratt ta' separazzjoni hawn anness.

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skont l-artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghaldaqstant ir-rikorrenti umilment jitlob li din l-Onorabbli Qorti joghgobha:-

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet.

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien imholli ghaldaqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku."

Rat ir-risposta tal-konvenuta li taqra' hekk:-

"Illi l-esponenti taqbel mal-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, sakemm jibqghu bla mittiefsa l-kundizzjonijiet stipulati fil-kuntratt ta' separazzjoni bejniethom, gia prezentat.

Illi bla pregudizzju ghas-suespost, izda, l-esponenti tigbed ghall-attenzjoni tal-Qorti il-fatt illi r-rikorrent konvenjentement naqas milli jinforma lil din l-Onorabbli Qorti illi tfal miz-zwieg kien hemm tnejn u mhux wiehed, kif jindika fl-ewwel premessa tieghu. Fil-fatt apparti l-minuri F B D ghandhom ukoll lit-tifel E B D, li llum ghandu wiehed u ghoxrin sena. Malli dan il-wild tal-partijiet ghalaq tmintax-il sena, ir-rikorrent waqaf ghal kollox milli jissoministra manteniment ghalih, u ghadu sal-lum ma jissoministrax dan il-manteniment, bi ksur car ta' l-Artikolu 3B (2) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta. Fil-fatt l-istess tifel qieghed jistudja gewwa Liverpool, l-Ingilterra, fl-Universita' John Moores, izda l-

esponenti kellha taghmel self mal-bank sabiex tkompli tghinu fl-istudji tieghu in vista tan-nuqqas tar-rikorrent.

Illi ghalhekk mhu minnu xejn illi l-manteniment huwa garantit kif qed jipprova jaghti l-impressjoni r-rikorrent, u l-esponenti titlob illi qabel xejn tithallas l-arretrati kollha dovuti u r-rikorrenti jigi ordnat jaghmel garanzija xierqa ghall-hlas tal-manteniment ghall-perjodu li baqa' sakemm it-tifel jaghlaq tlieta u ghoxrin (23) sena, kemm-il darba din l-Onorabbli Qorti joghgobha tiddikjara z-zwieg mahlul.

B'riserva ghal risposti ohra, u bl-ispejjez kontra r-rikorrent, minn issa ngunt in subizzjoni."

Rat l-atti;

Semghat it-trattazzjoni tal-abbli Avukati tal-partijiet.

Rat li l-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

**Provi.**

Skont kuntratt ta' separazzjoni konsenswali ppubblikat min-Nutar Dottor Liza B fid-9 ta' Dicembru 2009, l-attur obbliga ruhu illi jhallas lill-konvenuta "……bhala manteniment tal-minuri E u F b'effett immedjat kull xahar bil-quddiem is-somma ta' hames mija u hamsin ewro (€550) jigifieri bir-rata ta' mitejn u hamsa u sebghin ewro (€275) ghal kull minuri.  Il-hlas tal-manteniment hekk stipulat jsir permezz ta' 'standing order' pagabbli fl-ahhar jum tax-xahar f'kont bankarju illi jigi indikat lir-ragel mill-mara.  Il-partijiet jaqblu illi l-hlas tal-manteniment ghall-htigijiet tal-minuri huwa wkoll regolat mill-kondizzjonijiet segwenti-

a) Il-manteniment pagabbli lill-minuri jkun sospiz matul kull perijodu illi l-imsemmi minuri jkollu impieg *full-time* u jigi definittivament itterminat *ipso facto* meta l-minuri jaghlaq it-tmintax(18) il-sena. (sottolinear tal-Qorti)

b) Il-manteniment pagabbli bis-sahha ta' dan l-Artikolu ma jkunx rivedibbli hlief bil-mod u fic-cirkostanzi imsemmija f'dana l-Artikolu…………"[1]

**Posizzjoni tal-Partijiet.**

Il-konvenuta qed tinvoka l-artikolu 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta li jipprovdi illi sabiex il-Qorti tippronunzja il-hall taz-zwieg ta' bejn konjugi jehtieg fost l-ohrajn li tkun sodisfatta li "il-mizzewgin u kull wild taghhom qed jircievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont ic-cirkostanzi partikolari taghhom kif hemm mahsub fl-artikolu 57". Jipprovdi wkoll l-artikolu 66B illi "… l-manteniment ordnat mill-qorti jew miftiehem bejn il-mizzewgin f'kuntratt ta' separazzjoni ghandu jigi meqjus bhala manteniment adegwat".

Skont il-konvenuta, it-talba tal-attur m'ghandhiex tintlaqa' peress li mhux ihallas manteniment ghal wiehed minn uliedu li ghalkemm ghalaq tmintax-il sena ghadu qed jistudja 'full-time'. Tali sottomissjoni hija msejsa fuq l-artikolu 3B tal-Kap 16 li jipprovdi illi l-obbligu tal-genituri li jmantnu lill-uliedhom jkompli wara li dawn jaghlqu tmintax-il sena sakemm jaghlqu tlieta u ghoxrin sena jekk "… jkunu studenti li qeghdin jippartecipaw f'edukazzjoni, tahrig, jew taghlim *full-time* …" Dan l-artikolu kien gie introdott, ossia emendat, bl-Att XIV tas-sena 2011, circa sentejn wara li gie ppubblikat il-kuntratt ta' separazzjoni ta' bejn il-partijiet.

L-attur mill-banda l-ohra jsostni illi tali artikolu ma hux ta' ostakolu ghall-akkoljiment tat-talba tieghu in kwantu mis-sena 2011 sal-lum la l-konvenuta u lanqas l-iben qatt ma resqu xi pretensjoni fir-rigward. Kien biss meta l-konvenuta giet notifikata bil-proceduri odjerni illi tresqet ghall-ewwel darba tali pretensjoni.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**.

**Artikolu 3B (2) tal-Kap 16** jipprovdi illi l-obbligu li ghandhom il-genituri li jmantnu lil uliedhom meta l-ulied ma jkunx possibbli li jmantnu lilhom infushom, jestendi wara li l-ulied jaghlqu tmintax-il sena jekk ikunu studenti *full-time* u dan sakemm l-ulied jaghlqu tlieta u ghoxrien.

[1] Fol. 7

**Artikolu 66B tal-Kap. 16** jipprovdi illi sabiex il-Qorti tippronunzja l-hall taz-zwieg ta' bejn konjugi jehtieg fost l-ohrajn li tkun sodisfatta li "il-mizzewgin u kull wild taghhom qed jircievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont ic-cirkostanzi partikolari taghhom kif hemm mahsub fl-artikolu 57". Jipprovdi wkoll l-artikolu 66B illi "… l-manteniment ordnat mill-qorti jew miftiehem bejn il-mizzewgin f'kuntratt ta' separazzjoni ghandu jigi meqjus bhala manteniment adegwat".

Ikkunsidrat;

Fil-kawza odjerna l-konvenuta qed issostni li l-attur kellu u ghad ghandu l-obbligu li jivversa manteniment ghal binhom E. Jirrizulta bhala fatt mhux kontestat illi E baqa' jistudja *full-time* wara li ghalaq tmintax-il sena u li mill-jum li ghalaq tmintax-il sena l-attur waqaf ihallas manteniment. L-attur isostni li agixxa legittimament fil-parametri tal-kuntratt tas-separazzjoni u li sa qabel din il-kawza la l-konvenuta u lanqas ibnu E ma qatt resqu xi pretensjoni kontra tieghu dwar manteniment. Kien biss issa f'din il-kawza li tali pretensjoni fil-konfront tieghu tfaccat ghall-ewwel darba.

Il-konvenuta tikkontendi mill-banda l-ohra illi appena gie promulgat l-Att XIV tal-2011 twieled l-obbligu fuq l-attur li jhallas manteniment ghal E u li tali obbligu kien fid-dover li jezegwih anke fin-nuqqas ta' interpellazzjoni fir-rigward.

Jirrizulta bhala fatt illi iben il-partijiet E hadem hawn Malta fuq bazi part-time bejn is-16 ta' Lulju 2012 u l-14 ta' Marzu 2013 u bejn il-15 ta' Lulju 2013 u t-30 ta' Settembru 2013. Jirrizulta wkoll illi E segwa kors ta' studju full-time geww Liverpool John Moores University bejn id-19 ta' Settembru 2011 u l-31 ta' Mejju 2014. Huwa xhed illi behsiehu jkompli bl-istudji tieghu u li ghalhekk jippretendi li missieru jhallas manteniment ghalih.

Fil-kuntratt ta' separazzjoni ta' bejn il-partijiet gie stipulat li l-manteniment pagabbli mill-missier lill-omm fir-rigward tal-minuri, jieqaf jigi mhallas lill-omm appena l-wild jaghlaq tmintax-il sena. Ma jinghad xejn dwar il-minuri wara li jaghlqu tmintax-il sena. Isegwi ghalhekk illi llum l-obbligi dwar manteniment versu l-ulied tal-partijiet wara li jaghlqu tmintax-il sena ma hux regolat bil-kuntratt ta' separazzjoni konsenswali ta' bejn il-partijiet izda bil-ligi.

Dan ma jfissirx li iben il-partijiet, illum maggorenni, ma jistax jikkwalifika ghall-manteniment minghand il-genituri tieghu. Skont l-artikolu 3B l-obbligu li E B D jigi mantnut jaqa' fuq iz-zewg genituri. Skont il-kuntratt ta' separazzjoni konsenswali, l-missier kien qed ihallas manteniment lill-omm fir-rigward tal-ulied peress li dawn kienu qed jirrisjedu maghha.

Ghalhekk sal-lum ghadu ma hux stabbilit fl-ewwel lok jekk E B D, konsidrati ic-cirkostanzi tieghu, jikkwalifikax ghall-manteniment minghand il-genituri tieghu. Fit-tieni lok lanqas ghadu stabbilit illi f'kaz li E huwa intitolat ghall-manteniment minghand il-genituri tieghu, x'inhu l-*quantum* ta' tali manteniment u min mill-genituri obbligat jeffettwa l-hlas tal-manteniment, jekk hux il-missier biss, jekk hux l-omm wahedha, jew jekk hux iz-zewg genituri flimkien u f'liema ammont.

Isegwi ghalhekk illi filwaqt li jista' jinghad li E B D jista' jkun intitolat ghall-manteniment, jonqos li jigi determinat fl-ewwel lok min mill-genituri huwa obbligat li jhallas tali manteniment u fit-tieni lok il-*quantum* ta' tali manteniment. L-*inertia* da parti ta' E B D li jinterpella lil missieru, jekk mhux ukoll lil ommu, ghall-manteniment jimmilita kontra t-tezi tal-konvenuta fejn qed issostni li din il-Qorti ghandha tichad it-talba tal-attur peress li l-attur ma hux qed ihallas manteniment fir-rigward ta' ibnu E. Il-Qorti ma taqbilx mas-sottomissjoni maghmula mill-konvenuta illi E B D ma kienx mehtieg li jfittex ghall-manteniment sabiex l-omm tista' tinvoka l-eccezjoni in dizamina. Fil-fehma tal-Qorti tali sottomissjoni mhix fondata legalment in kwantu hadd ma jista' jigi sfurzat li jircevi manteniment jekk ma jitolbux. Ghalhekk ma jistax jinghad li l-missier naqas li jhallas manteniment lill-ibnu jekk ibnu ma talabx il-likwidazzjoni u l-kundanna tal-hlas tal-manteniment minnu llum pretiz.

Fil-fehma ta' din il-Qorti, ma hux konsentit illi min jippretendi manteniment ma jiehu l-ebda azzjoni fir-rigward ghal numru ta' snin, imbaghad tigi invokata tali pretensjoni ghall-ewwel darba waqt proceduri gudizzjarji ghad-divorzju.

Kif gie deciz aktar qabel din is-sena mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawza "**Francis Cassar vs. Rosina Cassar**" ( 28 ta' Marzu 2014) :-

"Il-Qorti wara li ezaminat sewwa l-atti, taqbel mal-konkluzzjoni raggunta mill-ewwel Qorti li, kif gia' issemma aktar qabel, huwa inspjegabbli li ghal dawn is-snin kollha l-appellanti baqghet ma hadet l-ebda azzjoni biex tircievi l-persjoni intiera, u huwa biss issa li qed tilmenta minn dan il-fatt ghaliex ir-rikorrenti ghamel it-talba ghad-divorzju. Huwa minnu illi kif tratta l-abbli difensur taghha, li d-dritt li wiehed ikollu huwa dejjem fakoltattiv u sta ghalih jew ghaliha biex tezercitah, izda jekk jonqos milli jezercita d-dritt tieghu fiz-zmien li jkun opportun li jezercitah ikollu wkoll joqghod ghall-konsegwenzi, fosthom l-inferenza li tista' tigbed il-Qorti……Dan ma jfissirx li hija ma tistax tiehu l-passi necessarji biex tircevi minghand l-appellant dak li hija ghandha dritt tiehu minn ghandu bhala manteniment izda fil-fehma ta' din il-Qorti c-cirkostanzi rilevanti ma jippermettulhiex toggezzjona ghat-talba tal-appellat a bazi tal-eccezzjoni in kwistjoni."

Ikkunsidrat;

Fit-tielet paragrafu tar-risposta taghha l-konvenuta teccepixxi sussidjarjament illi f'kaz li din il-Qorti takkolji t-talba attrici huwa mehtieg li mhux biss tithallas l-arretrati ta' manteniment dovuti fir-rigward ta' E izda wkoll li l-attur "… jigi ordnat jaghmel garanzija xierqa ghall-hlas tal-manteniment ghall-perijodu li baqa' sakemm it-tifel jaghlaq tlieta u ghoxrin (23) sena…."

Tali eccezzjoni hija msejsa fuq l-artikolu 66 (d) (2)

**Artikolu 66 (d) (2) tal-Kap. 16** inehhi kwalunkwe dubju fir-rigward. F'kawza ta' divorzju wara sentenza jew kuntratt ta' separazzjoni, il-konvenut jista' jressaq zewg eccezzjonijiet. Jew li l-perijodu ta' erba' (4) snin ta' separazzjoni ta' lanqas *de facto* ma jkunx ghadu iddekorra; jew "… billi tipprova illi l-persuna li talbet id-divorzju ma tkunx hallset il-manteniment dovut, kif ordnat mill-qorti jew miftiehem fil-kuntratt ta' separazzjoni…." Kif rajna, sal-lum la hemm ordni ta' Qorti biex jithallas manteniment lil jew ghal E wara li jaghlaq tmintax-il sena u lanqas hemm xi stipulazzjoni kontrattwali f'dan is-sens. B'referenza ghall-artikolu 66 (d) (2) appena citat jinghad ukoll illi ma ngabu l-ebda provi li juru illi mal-hall taz-zwieg ta' bejn il-partijiet, kwalunkwe manteniment li jista' jkun dovut mill-attur lil E ser jigi pregudikat jew li ser "ikun aktar difficli" biex jigi rkuprat.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi prevja li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvennuta, tilqa' t-talbiet attrici:-

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg civili ta' bejn il-partijiet.

2. Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex zmien ghaxart (10) ijiem utli minn meta din is-sentenza ssir *res judicata*, jinforma lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg ta' bejn il-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Minhabba n-novita' relativa tal-materja deciza b'din is-sentenza, l-Qorti tordna li l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------